# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 13**

**Rikors numru 91/2017/1 JVC**

**Jacqueline Fenech**

**v.**

**Mario Borg**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar żewġ appelli li l-attriċi Jacqueline Fenech u l-konvenut Mario Borg ressqu kull wieħed għal rashom kontra sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Novembru, 2024, fejn din: (i) laqgħet f'parti minnha l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut sa fejn għandu x'jaqsam mas-sehem riżervat mill-wirt tal-mejta Rosaria, magħrufa bħala Lucy Borg, u ċaħditha fil-bqija; (ii) laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut sa fejn għandu x'jaqsam mas-sehem riżervat mill-wirt tal-mejjet Vincenzo Borg; (iii) laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-

konvenut minħabba li ma hemmx lok li jsir it-tnaqqis tal-legati li ntalab mill-attriċi; (iv) ċaħdet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut sa fejn dawn ma jaqblux ma' dak li ġie deċiż minnha; (v) laqgħet l-ewwel talba tal-attriċi billi ddeterminat x'inhuwa l-ġid li jagħmel parti mill-wirt tal-mejtin Vincenzo u Rosaria Borg; (vi) ċaħdet it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet tal-attriċi minħabba li ma hemm ebda sehem riżervat dovut lill-partijiet u għalhekk m'hemmx bżonn li ssir ir-riduzzjoni tal-legati mħollija minn Vincenzo u Rosaria; (vii) laqgħet il-ħames u s-sitt talbiet tal-attriċi billi qasmet il-wirt li ħallew Vincenzo u Rosario Borg bejn il-partijiet skont kif hemm imfisser fis-sentenza; u (viii) ordnat li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fis-27 ta' Jannar, 2017, l-attriċi fissret li l-partijiet huma wlied il-mejtin Vincenzo Borg u Rosaria magħrufa bħala Lucy Borg imwielda Abdilla, li rregolaw il-wirt tagħhom permezz ta' testment *unica charta* magħmul fl-atti tan-Nutara Nathalie Pace Asciak fid-9 ta' Awwissu, 1999. Spjegat ukoll li f'dan it-testment, it-testaturi ħallew lil xulxin l-użu u l-użufrutt tal-ġid kollu tagħhom, innominaw u ħatru lill-partijiet fil-kawża bħala werrieta universali tagħhom f'ishma ndaqs bejniethom u ħallew numru ta' prelegati.

3. L-attriċi sostniet li l-prelegati li t-testaturi ħallew lill-konvenut ixellfu

l-jeddijiet tagħha bħala werrieta għaliex jekk dawn jingħataw effett sħiħ, hija sejra tirċievi inqas minn dak li jmiss lilha bħala sehem riżervat. Saħqet li minħabba f'hekk jeħtieġ li jsir it-tnaqqis ta' dawn il-prelegati sabiex hija tkun tista' tirċievi għall-inqas dak li jmiss lilha bħala sehem riżervat. Tenniet li għalkemm hija sejħet lill-konvenut b'ittra uffiċjali tat-12 ta' Settembru, 2016 sabiex isibu soluzzjoni bil-kelma t-tajba, baqa' ma ntlaħaq ebda ftehim bejniethom.

4. Għalhekk l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddetermina occorrendo permezz ta' periti nominandi il-konsistenza tal-massa ereditarja tad-de cuius Vincenzo Borg [Karta tal-Identità numru 391629(M)] u Rosaria sive Lucy Borg née Abdilla [Karta tal-Identità numru 752837(M)];*
>
> *2. Tiddikjara u tistabbilixxi dak li huwa spettanti lill-partijiet bħala sehem riżervat mill-istess assi ereditarji tad-de cuius Vincenzo Borg [Karta tal-Identità numru 391629(M)] u Rosaria sive Lucy Borg née Abdilla [Karta tal-Identità numru 752837)];*
>
> *3. Tillikwida occorrendo permezz ta' periti nominandi s-sehem riżervat spettanti lill-eredi;*
>
> *4. Tordna r-riduzzjoni tal-legati mħollija mill-istess de cuius f'każ li l-massa ereditarja ma tkunx biżżejjed sabiex jingħata lil kull eredi s-sehem riżervat lilu dovut skont il-liġi;*
>
> *5. Tfassal pjan ta' qasma tal-eredità tad-de cuius Vincenzo Borg [Karta tal-Identità numru 752837(M)] u Rosaria sive Lucy Borg née Abdilla [Karta tal-Identità numru 752837(M)];*
>
> *6. Tordna d-diviżjoni tal-eredità tad-de cuius Vincenzo Borg [Karta tal-Identità numru 391629(M) u Rosaria sive Lucy Borg née Abdilla [Karta tal-Identità numru 752837(M)] skont il-pjan hekk imfassal.*
>
> *Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 12 ta' Settembru 2016 ippreżentata kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni u bl-imgħax dekorribbli skont il-liġi.*
>
> *B'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti fil-liġi.»*

5. Il-konvenut wieġeb għar-rikors tal-attriċi fit-23 ta' Frar, 2017, u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Fl-ewwel lok, kwalunkwe talba fejn tirrigwarda l-wirt tal-mejta Rosaria sive Lucy Borg née Abdilla hija improponibbli kwantu spiċċat, hekk kif jiddisponi l-Artikolu 845 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma wkoll għalkollox improponibbli; dan għaliex hija ma tistax issa titlob li tirċievi s-sehem riżervat ġaladarba kienet ir-rikorrenti stess li għoġobha taċċetta l-eredità tat-testaturi favuriha, kemm taċitament u kif ukoll formalment;*
>
> *3. Fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tħoss li ma għandhiex tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimat esponenti, xorta waħda ma hemmx lok li ssir r-riduzzjoni mitluba mir-rikorrenti fir-raba' talba tagħha, u dan għar-raġunijiet li sejrin jirriżultaw tul is-smigħ tal-kawża;*
>
> *4. Fir-raba' lok, u strettament mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tħoss li ma għandhiex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat esponenti, ikun jeħtieġ illi f'kull każ, il-legati mħollija lill-esponenti intimat jitqiesu bħala legati renumeratorji, hekk ukoll allura fin-natura u l-parametri maħsuba, inter alia, mill-Artikolu 620 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u billi jitnaqqsu wkoll id-djun l-oħra tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali, kif ukoll dak kollu diġà meħud mir-rikorrenti mingħand it-testaturi, kemm f'ħajjithom u kif ukoll wara l-mewt tagħhom; dan occorrendo, fost l-oħrajn, b'applikazzjoni tal-Artikoli 615, 620 (2), 620 (4), 620(5), u 621 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *5. Fir-raba' lok, it-talbiet rikorrenti huma mill-bqija infondati fil-fatt u fid-dritt;*
>
> *Bl-ispejjeż u imgħaxijiet (fejn dovuti) kontra r-rikorrenti, u b'riżerva li l-esponenti jressaq kull eċċezzjoni ulterjuri illi jista' jkun awtorizzat iressaq skont il-liġi, u mingħajr preġudizzju għal kull jedd tal-esponenti fil-konfront tar-rikorrenti.»*

6. B'sentenza tat-28 ta' Novembru, 2024, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża b'dan il-mod:

> *«1. Tilqa' limitatament l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Mario Borg u dan sa fejn jitratta s-sehem riżervat fuq l-eredità tal-mejta Rosaria sive Lucy Borg u tiċħadha fil-kumplament hekk kif spjegat fuq;*

*2. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimat Mario Borg u dan sa fejn jitratta s-sehem riżervat fuq l-eredità tal-mejjet Vincenzo Borg;*

*3. Tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-intimat Mario Borg billi m'hemmx lok li ssir ir-riduzzjoni mitluba mir-rikorrenti;*

*4. Tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet sa fejn huma inkompatibbli ma' dak fuq deċiż;*

*5. Tilqa' l-ewwel talba u tiddetermina l-konsistenza tal-massa ereditarja tad-decuius Vincenzo Borg u Rosaria sive Lucy Borg xebba Abdilla hekk kif indikat fis-sezzjoni '**Konsiderazzjonijiet fuq il-ħames u s-sitt talbiet atturi – pjan ta' qasma u diviżjoni tal-eredità tad-de cuius Vincenzo u Rosaria sive Lucy Borg:**';*

*6. Tiċħad it-tieni, t-tielet u r-raba' talba billi m'hemm l-ebda sehem riżervat dovut lill-partijiet u għalhekk m'hemmx bżonn li ssir riduzzjoni tal-legati mħollija mid-de cuius u dan għar-raġunijiet indikati suespost;*

*7. Tilqa' l-ħames talba u tfassal l-pjan ta' qasma tal-eredità tad-decuius Vincenzo Borg u Rosaria sive Lucy Borg xebba Abdilla hekk kif indikat fis-sezzjoni '**Konsiderazzjonijiet fuq il-ħames u s-sitt talbiet atturi – pjan ta' qasma u diviżjoni tal-eredità tad-decuius Vincenzo u Rosaria sive Lucy Borg:**';*

*8. Tilqa' limitatament is-sitt talba in kwantu tiddividi l-eredità tad-de cuius Vincenzo Borg u Rosaria sive Lucy Borg xebba Abdilla bil-mod kif isegwi:*

*i. Tiddividi f'żewġ porzjonijiet bejn il-partijiet f'ishma ugwali skont it-testment u l-liġi u dan kif indikat fis-sezzjoni '**Konsiderazzjonijiet fuq il-ħames u s-sitt talbiet atturi – pjan ta' qasma u diviżjoni tal-eredità tad-decuius Vincenzo u Rosaria sive Lucy Borg:**' fis-sezzjoni indikata bħala 'Mobbli:' b'dan li kull parti għandha tieħu s-somma ta' elf, mitejn u tnejn u sittin ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€1,262.56) jew kwalunkwe ammont ieħor li jirriżulta fid-data tal-qsim;*

*ii. Fir-rigward tal-immobbli stante li l-beni mmobiljarji formanti parti mill-assi ereditarji tad-de cuius indikati fis-sezzjoni '**Konsiderazzjonijiet fuq il-ħames u s-sitt talbiet atturi – pjan ta' qasma u diviżjoni tal-eredità tad-de cuius Vincenzo u Rosaria sive Lucy Borg:**' fis-sezzjoni indikata bħala 'Immobbli:' mhumiex komodament diviżibbli, tordna l-bejgħ bil-liċitazzjoni unikament tal-proprjetà mmobbli bin-numru 61 fi Triq Bordin, Msida u dan wara li jiġi stabbilit il-valur fis-suq billi l-Qorti qiegħda minn issa tinnomina lill-Perit Joseph Grech sabiex jistabbilixxi l-valur tal-immobbli fis-suq u bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei u wara l-bejgħ bil-liċitazzjoni tordna li r-rikavat mill-imsemmi bejgħ jinqasam f'ishma indaqs bejn il-kontendenti.*

*Fir-rigward il-proprjetà l-oħra ndikata fis-sezzjoni '**<u>Konsiderazzjonijiet fuq il-ħames u s-sitt talbiet atturi – pjan ta' qasma u diviżjoni tal-eredità tad-de cuius Vincenzo u Rosaria sive Lucy Borg:</u>**' din għandha tinżamm in komproprjetà għar-raġunijiet indikati fl-istess sezzjoni.*

*Bl-ispejjeż kollha għandhom ikunu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.*

*Tordna komunika tad-deċiżjoni lill-Perit Joseph Grech fil-mument li din id-deċiżjoni ssir ġudikat.»*

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«**Ikkunsidrat:***

*Illi ż-żewġ kontendenti r-rikorrenti Jacqueline Fenech u l-intimat Mario Borg huma aħwa wlied il-mejtin Vincenzo Borg u martu Rosaria sive Lucy Borg xebba Abdilla.*

*Illi permezz tal-kawża odjerna r-rikorrenti Jacqueline Fenech qiegħda titlob li l-Qorti tiddetermina okkorrendo permezz ta' periti nominandi l-konsistenza tal-massa ereditarja tal-ġenituri tagħha Vincenzo u Rosaria sive Lucy konjuġi Borg. Talbet li jiġi dikjarat u stabbilit dak li huwa spettanti lill-partijiet bħala sehem riżervat mill-istess assi ereditarji tal-mejta ġenituri tagħhom Vincenzo u Rosaria sive Lucy konjuġi Borg u tillikwida okkorrendo permezz ta' periti nominandi s-sehem riżervat spettanti lill-eredi. Ir-rikorrenti Jacqueline Fenech talbet ukoll sabiex il-Qorti tordna r-riduzzjoni tal-legati mħollija mill-istess decuius f'każ li l-massa ereditarja ma tkunx biżżejjed sabiex jingħata lil kull eredi s-sehem riżervat lilu skont il-liġi. Talbet ukoll sabiex il-Qorti tfassal pjan ta' qasma tal-eredità tal-mejta ġenituri tagħha Vincenzo u Rosaria sive Lucy konjuġi Borg. Finalment ir-rikorrenti talbet sabiex tiġi ordnata d-diviżjoni tal-eredità tal-mejtin ġenituri tagħha Vincenzo u Rosaria sive Lucy konjuġi Borg skont il-pjan hekk imfassal.*

*Illi l-intimat Mario Borg laqa' għal din il-kawża permezz ta' risposta ġuramentata intavolata nhar it-23 ta' Frar, 2017 (fol. 25) fejn fl-ewwel lok eċċepixxa li kwalunkwe talba fejn tirrigwarda l-wirt tal-mejta ommhom Rosaria sive Lucy Borg hija improponibbli kwantu spiċċat hekk kif jiddisponi l-Artikolu 845 sub-artikolu 1 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fit-tieni lok eċċepixxa li t-talbiet tar-rikorrenti huma wkoll għalkollox improponibbli għaliex hija ma tistax issa titlob li tirċievi s-sehem riżervat ġaladarba kienet ir-rikorrenti stess li għoġobha taċċetta l-eredità tat-testaturi favuriha, kemm taċitament, kif ukoll formalment. Fit-tielet lok, l-intimat Borg eċċepixxa li kemm-il darba din l-Qorti tħoss li ma għandhiex tilqa' l-ewwel żewġ*

*eċċezzjonijiet, xorta waħda m'hemmx lok li ssir ir-riduzzjoni mitluba mir-rikorrenti fir-raba' talba tagħha, u dan għar-raġunijiet li jirriżultaw tul is-smigħ tal-kawża. L-intimat fir-raba' lok eċċepixxa dejjem mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, li kemm-il darba l-Qorti tħoss li m'għandhiex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni, ikun jeħtieġ illi f'kull każ il-legati mħollija lilu jitqiesu bħala legati remuneratorji, hekk ukoll allura fin-natura u l-parametri maħsuba inter alia mill-Artikolu 620(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u billi jitnaqqsu wkoll id-djun l-oħra tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali, kemm f'ħajjithom, u kif ukoll wara l-mewt tagħhom, dan okkorrendo fost l-oħrajn b'applikazzjoni tal-Artikoli 615, 620 (2), (4) u (5), u l-Artikolu 621 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Imbagħad bħala l-aħħar eċċezzjoni fir-raba' lok eċċepixxa li t-talbiet tar-rikorrenti huma mill-bqija infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi Vincenzo Borg ġie nieqes fit-13 ta' Novembru 2015, filwaqt li Rosaria sive Lucy Borg ġiet nieqsa fit-2 ta' Frar, 2000 (ara ċertifikat tal-mewt a fol. 438 tal-process). L-eredità tal-konjuġi Borg hija regolata b'testment unica charta datat 9 ta' Awwissu, 1999 fl-atti tan-Nutar Nathalie Pace Asciak (ara testment a fol. 6 et seq tal-proċess). B'dan it-testment unica charta l-konjuġi Borg fost affarijiet oħra ħallew l-użu u l-użufrutt tal-beni kollha tagħhom lil xulxin bl-eżenzjoni tal-formazzjoni tal-inventarju u tal-kawzjoni rikjesti mill-liġi. Il-konjuġi Borg ħallew ukoll diversi prelegati konsegwibbli wara mewthom fosthom lir-rikorrenti Jacqueline Fenech ħallewlha prelegat tal-magna tal-ħjata tal-marka 'singer', kif ukoll l-oġġetti tad-deheb kollha li normalment kienu ta' użu personali għat-testatriċi Rosaria sive Lucy Borg minbarra l-ġiżirana l-mibruma, liema ġiżirana tħalliet b'titolu ta' prelegat lill-intimat binhom Mario Borg. Il-konjuġi Borg ħallew ukoll b'titolu ta' prelegat konsegwibbli wara mewthom lill-intimat binhom Mario Borg id-deheb kollu li normalment kien ta' użu personali għat-testatur minħabba (recte: minbarra) l-brazzuletta tad-deheb liema brazzuletta tħalliet b'titolu ta' prelegat lil binthom Jacqueline Fenech mart Raymond Fenech. Ħallew ukoll b'titolu ta' prelegat konsegwibbli wara l-mewt ta' wieħed minnhom lill-intimat Mario Borg in-negozju u avvjament ta' sprayer magħruf bħala "Borg Brothers" fi Triq Bordin, Msida. Dan il-prelegat tħalla bil-patt u l-kundizzjoni li binhom l-intimat Mario Borg ikun obbligat li jħallas is-somma ta' mitejn u erbgħin lira Maltin (Lm 240) fis-sena tul ħajjet is-superstiti fosthom. Wara li jiġi nieqes l-aħħar wieħed minnhom fost it-testaturi, l-intimat Mario Borg huwa obbligat li jħallas l-istess somma lil oħtu r-rikorrenti Jacqueline Fenech. Dan l-obbligu jibqa' jseħħ sakemm in-negozju fuq imsemmi jibqa' ġestit minn binhom, Mario. Finalment il-konjuġi Borg innominaw u istitwew bħala eredi universali tagħhom f'ishma ndaqs bejniethom lil uliedhom Jacqueline Fenech mart Raymond Fenech u Mario aħwa Borg bis-sostituzzjoni ta' wliedhom f'każ ta' premorienza u in mankanza tal-ulied bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom.*

***<u>L-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Mario Borg:</u>***

*Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-intimat Mario Borg*

*eċċepixxa li kwalunkwe talba fejn tirrigwarda l-wirt tal-mejta Rosaria sive Lucy Borg hija improponibbli kwantu spiċċat hekk kif jiddisponi l-Artikolu 845(1) tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi minn ħarsa lejn it-talbiet tar-rikorrenti Jacqueline Fenech jirriżulta li hija talbet fost affarijiet oħra li l-Qorti tillikwida okkorrendo permezz ta' periti nominandi s-sehem riżervat spettanti lill-eredi, u fl-eventwalità li ma jkunx hemm biżżejjed x'jingħata lill-eredi bħala sehem riżervat talbet li jiġi ordnat ir-riduzzjoni tal-legati. Imbagħad talbet ukoll li jiġi mfassal pjan ta' qasma tal-eredità tad-de cuius Vincenzo u Rosaria sive Lucy Borg u konsegwentement tordna d-diviżjoni tal-eredità tal-imsemmija konjuġi Borg.*

*Illi jirriżulta għalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti jirrelataw ma': (i) sehem riżervat, u (ii) diviżjoni tal-assi ereditarji tal-mejta Vincenzo u Rosaria sive Lucy Borg. Il-Qorti f'dan l-istadju mhijiex ser tidħol fil-kwistjoni jekk jistax jintalab is-sehem riżervat tad-de cuius u fl-istess ħin il-qasma tal-assi ereditarji tagħhom stess. Però ser tinvestiga unikament l-eċċezzjoni tal-intimat Mario Borg u ċjoè jekk l-azzjoni fejn relatata ma' Rosaria sive Lucy Borg hijiex waħda perenta bid-dekors tal-għaxar (10) snin kif jiddisponi l-Artikolu 845 sub-artikolu 1 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi jibda billi jiġi nnutat li fil-verbal tat-2 ta' Marzu, 2017 a fol. 30 tal-proċess Dr Franco Galea għar-rikorrenti ddikjara li in vista tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat, ir-rikorrenti qed titlob id-diviżjoni tal-eredità taż-żewġ ġenituri tal-kontendenti li jista' jkun hemm lok ta' riduzzjoni tal-legati. B'din id-dikjarazzjoni huwa ċar li r-rikorrenti llimitat it-talbiet tagħha għad-diviżjoni u mhux ukoll għas-sehem riżervat. Għalkemm il-Qorti xorta tinnota li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha r-rikorrenti Jacqueline Fenech xorta tibqa' taċċenna għad-dritt tagħha tas-sehem riżervat u r-riduzzjoni tal-legati. Referenza partikolari ssir għall-paragrafu 52 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti fejn tgħid illi '... jekk wieħed jara l-valur tal-imsemmi prelegat hi se ssib ruħha f'sitwazzjoni li tirrendiha li ma għandhiex biżżejjed sabiex tieħu l-leġittima li hija ntitolata għaliha skont il-liġi.'.*

*Għalhekk il-Qorti għalkemm mhijiex obbligata teżamina l-kwistjoni tas-sehem riżervat relatat mal-assi ereditarji ta' Rosaria sive Lucy Borg, in vista tal-inkonsistenza da parti tar-rikorrenti, xorta ser tinvestiga l-istess fid-dawl tal-Artikolu 845 sub-artikolu 1 tal-Kodiċi Ċivili.*

*Illi l-Artikolu 845 sub-artikolu 1 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi illi:*

> *«845. (1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.»*

*Fir-rigward kwalunkwe sehem riżervat rikjest mir-rikorrenti mill-assi ereditarji tal-mejta ommha Rosaria sive Lucy Borg, mill-atti jirriżulta li Rosaria Borg ġiet nieqsa fit-2 ta' Frar, 2000 (ara ċertifikat tal-mewt a*

*fol. 438 tal-proċess). Mill-atti jirriżulta li l-uniċi ittri uffiċjali li ntbagħtu kienu:*

*(i) Ittra uffiċjali datata 12 ta' Settembru, 2016 a fol. 10 tal-proċess mibgħuta mir-rikorrenti Jacqueline Fenech lill-intimat Mario Borg li hija relatata prattikament mal-eredità u sehem riżervat fuq il-beni tal-mejjet missierha Vincenzo Borg u mhux fuq ta' ommha Rosaria sive Lucy Borg; u*

*(ii) Ittra uffiċjali datata 11 ta' April, 2018 a fol. 394 tal-proċess mibgħuta mill-intimat Mario Borg lir-rikorrenti Jacqueline Fenech fejn permezz tagħha interpellaha sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u l-konsegwenti ħlas b'kumpens għas-servizzi mwettqa minnu mal-mejjet missieru Vincenzo Borg, kif ukoll l-ispejjeż kollha li huwa nefaq għall-istess.*

*Illi għalhekk iż-żewġ ittri uffiċjali mhumiex relatati mal-ħlas u likwidazzjoni tas-sehem riżervat dovut lir-rikorrenti fir-rigward l-assi tal-mejta ommha Rosaria sive Lucy Borg. Ukoll minn ħarsa lejn id-data meta ġew ippreżentati l-ittri huwa ċar li ż-żewġ ittri uffiċjali jmorru ferm oltre l-għaxar (10) snin perjodu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni għat-talba ta' sehem riżervat li bdew jiddekorru mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni u ċjoè mit-2 ta' Frar, 2000. Għaldaqstant fir-rigward ta' kwalunkwe talba għall-ħlas tas-sehem riżervat fuq l-eredità ta' Rosaria sive Lucy Borg illum din hija perenta.*

*Illi dwar l-improponibbiltà tal-azzjoni għat-talba tal-wirt ta' Rosaria sive Lucy Borg fit-termini tas-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili billi l-intimat isostni li kellu jintalab fi żmien għaxar (10) snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni, kif inhu risaput, biex tirnexxi l-eċċezzjoni msemmija ai termini tal-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili jrid jintwera li min ikun ġie mfittex biex irodd il-ħaġa mħollija b'wirt, irid ikun żamm pussess sħiħ tal-ħaġa mitluba daqslikieku kienet tiegħu (animo domini) għaż-żmien kollu preskrittiv.*

*…*

*Fil-każ odjern l-intimat Mario Borg fl-affidavit tiegħu a fol. 362 et seq tal-proċess jistqarr li huwa kien qiegħed iżomm il-garaxx ai termini tat-tmien artikolu tat-testment unica charta tal-ġenituri tiegħu datat 9 ta' Awwissu, 1999 fl-atti tan-Nutar Nathalie Pace Asciak (ara testment a fol. 6 et seq tal-process). Jgħid illi:*

> *«Ngħid illi b'referenza għal dan il-garaxx u n-negozju li naħdem minn ġo fih, ngħid illi l-qbil mal-ġenituri, sa minn ħafna qabel ma ġew neqsin, u kif ikkonfermat fit-testment tagħhom, kien illi jiena nibqa' naħdem minn ġo fih, u li ġaladarba u mbagħad ma nibqax naħdem, jien u oħti nbiegħu l-garaxx u r-rikavat jinqasam bejnietna. Sakemm jiġri dan, kelli nħallas somma lill-ġenitur li jkun għadu ħaj, u ġaladarba t-tnejn jiġu neqsin, tali pagamenti kelli nibqa' ngħaddihom lill-oħti. L-ammont li l-ġenituri kienu qablu fuqu, kien dak ta' mitejn u erbgħin liri Maltin (LM240.00) fis-sena.»*

*Illi huwa ċar minn tali dikjarazzjoni tal-intimat Mario Borg illi għalkemm kien ilu jżomm f'idejh il-garaxx għal numru sew ta' snin, dan ma kienx qiegħed jagħmlu bħala sid tal-garaxx bl-animu li kien tiegħu. Għalhekk l-intimat Borg ma' jista qatt jressaq favorih l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni deċennali ai termini tal-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex tiċħad in parte din l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Mario Borg.*

***<u>It-tieni eċċezzjoni tal-intimat Mario Borg:</u>***

*Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu l-intimat Mario Borg jeċċepixxi li t-talbiet tar-rikorrenti huma wkoll għalkollox improponibbli għaliex ir-rikorrenti ma tistax issa titlob li tirċievi s-sehem riżervat ġaladarba kienet hi stess li għoġobha taċċetta l-eredità tat-testaturi favuriha, kemm taċitament u kif ukoll formalment.*

*Illi f'dan l-istadju l-Qorti ser terġa' tagħmel referenza għad-dikjarazzjoni ta' Dr Franco Galea għan-nom tar-rikorrenti fil-verbal tat-2 ta' Marzu, 2017 (fol. 30) fejn in vista tal-ewwel eċċezzjoni talbet id-diviżjoni tal-eredità taż-żewġ ġenituri tal-kontendenti li jista' jkun hemm lok ta' riduzzjoni tal-legati. Madankollu għalkemm b'din id-dikjarazzjoni huwa ċar li r-rikorrenti llimitat it-talbiet tagħha għad-diviżjoni, fil-fehma tal-Qorti huwa utli li jiġi eżaminat jekk huwiex minnu jew le li r-rikorrenti aċċettat il-wirt kemm taċitament, kif ukoll formalment, dan ghaliex għalkemm ir-rikorrenti ressqet tali dikjarazzjoni, hija xorta taċċenna għas-sehem riżervat u r-riduzzjoni tal-legati fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Il-Qorti iżda ser tillimita l-investigazzjoni tagħha għas-sehem riżervat fuq l-assi ereditarji tal-mejjet missierha Vincenzo Borg stante li s-sehem riżervat tal-omm ġa ġie trattat fl-ewwel eċċezzjoni.*

*Illi dwar l-aċċettazzjoni ta' wirt jitkellem l-Artikolu 850 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi illi:*

> *«850. (1) L-aċċettazzjoni tista' tkun espressa inkella taċita.*
>
> *(2) Hija espressa, meta wieħed jieħu l-kwalità ta' pubbliku jew f'kitba privata.*
>
> *(3) Hija taċita, meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jagħmel jekk mhux bħala werriet.»*

*…*

*Fuq deċiżjoni in re* ***Amadeo Mea et vs Albert Borg et*** *tat-28 ta' Ġunju, 1952 (Prim'Awla Ċivili) intqal li biex tirrikorri din l-aċċettazzjoni, jeħtieġ:*

*(a) li jkun hemm suċċessibbili;*

*(b) li dana s-suċċessibbili jkollu l-intenzjoni li jaċċetta l-eredità;*
*(ċ) li huwa jagħmel xi att li jista' jagħmel biss bħala werriet;*
*u*
*(d) li minn dan l-att tidher neċessarjament il-volontà tiegħu li jaċċetta l-wirt;*

*…*

*Illi r-rikorrenti Jacqueline Fenech fl-affidavit tagħha a fol. 33 et seq tal-proċess, kif ukoll in kontroeżami fis-seduta tal-16 ta' Mejju, 2023 a fol. 445 et seq tal-proċess tiddikjara li hija ġa ħadet xi oġġetti u flus mill-wirt tal-ġenituri tagħha.*

*…*

*Illi minn din ix-xhieda tar-rikorrenti huwa ċar li da parti tagħha kien hemm l-aċċettazzjoni tal-wirt u li tali aċċettazzjoni saret b'mod konxju. Il-Qorti tinnota wkoll li mill-mod kif inhi mfassla l-kawża, u anke mid-depożizzjonijiet mogħtija mir-rikorrenti hija mhijiex ċerta x'azzjoni trid tieħu billi tindika li trid tibbenefika mill-istitut tal-porzjon riżervat u fl-istess ħin trid li tieħu l-benefiċċji kollha derivanti mill-eredità tal-ġenitur tagħha – ħaġa li legalment hija impossibbli. Illi ġaladarba rriżulta li r-rikorrenti ħadet oġġetti mill-wirt ta' missierha dan ifisser li hija aċċettat il-wirt ta' missierha Vincenzo Borg u għalhekk ma jistax jintalab is-sehem riżervat fuq il-wirt tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimat Mario Borg sa fejn jitratta l-eredità tal-mejjet Vincenzo Borg.*

***<u>It-tielet eċċezzjoni tal-intimat Mario Borg:</u>***

*Illi permezz tat-tielet eċċezzjoni tiegħu l-intimat Mario Borg eċċepixxa li kemm-il darba l-Qorti tħoss li m'għandhiex tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tiegħu, xorta waħda m'hemmx lok li ssir r-riduzzjoni mitluba mir-rikorrenti fir-raba' talba tagħha u dan għar-raġunijiet li jirriżultaw tul is-smigħ tal-kawża.*

*Illi l-Qorti tirrileva li r-riduzzjoni tal-legati kellha biss issir fl-eventwalità li kien hemm xi sehem riżervat dovut u fil-każ li t-testaturi kienu ddisponew aktar minn dak li kien hemm disponibbli. Illi ladarba rriżulta li m'hemm l-ebda porzjon riżervat dovuta lir-rikorrenti m'hemmx bżonn li ssir tali riduzzjoni u għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-intimat Mario Borg billi m'hemmx lok li ssir ir-riduzzjoni mitluba mir-rikorrenti.*

***<u>Konsiderazzjonijiet fuq il-ħames u s-sitt talbiet atturi – pjan ta' qasma u diviżjoni tal-eredità tad-de cuius Vincenzo u Rosaria sive Lucy Borg:</u>***

*Illi fil-ħames u s-sitt talbiet ir-rikorrenti Jacqueline Fenech talbet li l-Qorti tfassal pjan ta' qasma tal-eredità tad-de cuius Vincenzo Borg u martu Rosaria sive Lucy Borg u li tordna d-diviżjoni tal-eredità tal-*

*imsemmija de cuius.*

*Illi f'dan l-istadju l-Qorti ser tgħaddi sabiex tistabbilixxi x'inhuma l-assi kemm mobbli u mmobbli tad-decuius. Dawn huma s-segwenti:*

*<u>Kont bankarju:</u>*

*1. Kont bankarju fil-Bank of Valletta p.l.c. fuq isem Vincent Borg bin-numru tal-kont 10754604014 li sa Settembru 2017 kellu bilanċ ta' €2,525.12 (ara statements a fol. 154 et seq. tal-proċess).*

*Illi dan l-ammont jew kwalunkwe ammont ieħor li jirriżulta fid-data tal-qsim għandu jiġi diviż bejn iż-żewġ partijiet aħwa Borg fi kwoti ndaqs bejniethom.*

*<u>Immobbli:</u>*

*2. Garaxx ta' żewġ karozzi bin-numru 61 ġa 18a fi Triq Bordin, Msida bl-arja miegħu li l-Perit Charles Buhagiar fir-rapport tiegħu a fol. 227 et seq. tal-proċess ta bħala valur fl-intier tiegħu l-ammont ta' €35,000.*

*3. Garaxx ta' erba' karozzi bin-numru 63 ġja 19 fi Triq Bordin, Msida li huwa liċenzjat biex jopera 'sprayer' bl-arja miegħu li l-Perit Charles Buhagiar fir-rapport tiegħu a fol. 227 et seq. tal-proċess ta bħala valur fl-intier tiegħu l-ammont ta' €115,000.*

*Illi fir-rigward l-immobbli indikati fil-paragrafi preċedenti huwa ċar li dawn mhumiex komodament diviżibbli bla xkiel u bla ħsara, u lanqas m'huwa possibbli li ssir xi forma ta' tpattija b'beni oħra in komun ta' xorta differenti iżda tal-istess valur. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti m'għandhiex għażla ħlief li tordna l-bejgħ bil-liċitazzjoni kif ser jiġi indikat fil-paragrafi segwenti ai termini tal-Artikolu 515 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi dwar il-fond bin-numru 61 fi Triq Bordin, Msida fl-atti ma jidhirx li hemm xi fattur li jżomm milli jsir il-bejgħ bil-liċitazzjoni tiegħu billi minn qari tat-testment tad-de cuius konjuġi Borg jidher li l-prelegat indikat fit-Tmien Artikolu tat-testment tad-9 ta' Awwissu, 1999 (fol. 6) huwa impost biss fuq il-fond bin-numru 63 fi Triq Bordin, Msida u mhux ukoll fuq dan il-fond. Għalhekk fic-ċirkostanzi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tordna l-bejgħ bil-liċitazzjoni tiegħu ai termini tal-imsemmi artikolu.*

*Illi mill-banda l-oħra mhux l-istess jista' jingħad dwar il-fond bin-numru 63 fi Triq Bordin, Msida billi dan il-garaxx huwa suġġett għall-prelegat stipulat fit-Tmien Artikolu tat-testment unica charta tal-mejta Vincenzo u Rosaria sive Lucy konjuġi Borg datat 9 ta' Awwissu, 1999 fl-atti tan-Nutar Nathalie Pace Asciak (fol. 6). It-Tmien Artikolu tat-testment imsemmi jiddisponi illi:*

> *«It-Tmien Artikolu*
>
> *It-testaturi qegħdin iħallu b'titolu ta' prelegat konsegwibbli wara l-*

> *mewt ta' wieħed mit-testaturi, lil binhom, Mario in-negozju u avvjament ta' sprayer magħruf bħala "Borg Brothers", fi Triq Bordin, Imsida. It-testaturi qegħdin iħallu dan il-prelegat lil binhom, Mario bil-patt u l-kundizzjoni illi binhom ikun obbligat li jħallas is-somma ta' mitejn u erbgħin lira Maltin (Lm 240) fis-sena tul ħajjet is-superstiti fost it-testaturi. Wara li jiġi nieqes l-aħħar wieħed fost it-testaturi, binhom, Mario jkun obbligat li jħallas l-istess somma lil oħtu, Jacqueline Fenech. Dan l-obbligu jibqa' jseħħ sakemm in-negozju fuq imsemmi jibqa' ġestit minn binhom, Mario.*
>
> *It-testaturi jordnaw illi malli Mario jispiċċa minn dak in-negozju, il-garaxx għandu jinbiegħ u r-rikavat jinqasam bejn iż-żewġ eredi taħt imsemmija.»*

*Il-Qorti tqis li jekk kellu jitqiegħed dan il-fond bin-numru 63 fi Triq Bordin, Msida għall-bejgħ bil-liċitazzjoni l-partijiet ser isofru billi l-immobbli ser jinbiegħ kif suġġett għall-kundizzjoni kontenuta fil-prelegat. Għalhekk ċertament il-valur tal-fond mhux ser ikun jirrifletti l-valur reali tiegħu. Dan apparti l-fatt li ċertament il-fond jinbiegħ b'valur irriżorju billi mhux faċli li terzi jidħlu għal fond kif soġġett għall-imsemmi prelegat. Għalhekk il-Qorti tqis li dan il-fond m'għandux jitpoġġa għall-bejgħ bil-liċitazzjoni però għandu jibqa' miżmum in komun bejn il-partijiet f'ishma ndaqs bejniethom sa dakinhar li jispiċċaw l-effetti tal-prelegat kif ordnat bit-testment tad-9 ta' Awwissu, 1999 fl-atti tan-Nutar Nathalie Pace Axiaq (fol. 9).*

*Illi l-Qorti tinnota li r-rapport tal-Perit Charles Buhagiar a fol. 227 et seq. tal-proċess sar fuq inkarigu taż-żewġ partijiet u huwa datat 20 ta' Jannar, 2016. Huwa ċar illi l-istejjem hemm prodotti jirriflettu proprju s-sena 2016 u għalhekk m'hemmx dubju li ma jirriflettux l-valur tal-immobbli tal-lum. Fil-fehma tal-Qorti fl-aħjar interess taż-żewġ partijiet għandha tingħata valutazzjoni ġdida tal-immobbli bin-numru 61 fi Triq Bordin, Msida li tkun tirrifletti s-suq preżenti. Għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi sabiex tordna li fl-atti tas-subbasta jiġi mqabbad il-Perit Joseph Grech sabiex jagħti valur lill-immobbli fuq deskritt bin-numru 61 fi Triq Bordin, Msida u sussegwentement l-immobbli jgħaddi sabiex jinbiegħ bil-liċitazzjoni b'dak il-valur indikat u ai termini tal-liġi.*

*Illi l-Qorti tqis ukoll illi fiċ-ċirkostanzi, fl-aħjar interess tal-partijiet kollha illi fil-bejgħ bil-liċitazzjoni għandha tiġi awtorizzata l-parteċipazzjoni ta' oblaturi estranei, anke għaliex tali parteċipazzjoni hija imposta mil-liġi fl-Artikolu 521 sub-artikolu 2 tal-Kodiċi Ċivili li jaqra kif isegwi:*

> *«(2) Fil-każijiet kollha, il-barranin għandhom jiġu mistednin biex joffru.»*

*Illi wara li jsir il-bejgħ bil-liċitazzjoni tal-immobbli surriferiti r-rikavat minn tali bejgħ għandu jiġi spartit f'żewġ porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet.»*

8. B'rikors tal-appell imressaq fis-17 ta' Diċembru, 2024, l-attriċi

ilmentat li l-Ewwel Qorti ħaddmet il-liġi b'mod ħażin meta ċaħditilha t-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet tagħha u laqgħet f'parti minnhom l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Hija saħqet li s-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi riformata billi jintlaqgħu dawn it-talbiet tagħha u jiġu miċħuda l-eċċezzjonijiet tal-konvenut biex b'hekk jiġi stabbilit il-valur tal-legati li tħallew lill-partijiet mill-ġenituri tagħhom u jiġi kkunsidrat it-tnaqqis ta' dawn il-legati sabiex il-partijiet jieħdu dak li jmisshom b'mod ugwali bejniethom.

9. Il-konvenut Mario Borg ukoll appella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-24 ta' Diċembru, 2024, bl-aggravji tiegħu jkunu: (i) li l-Ewwel Qorti ma messhiex ordnat li l-post bin-numru 61 fi Triq Bordin, fl-Imsida għandu jinbiegħ bl-irkant ġudizzjarju qabel ma huwa jieqaf min-negozju tiegħu; u (ii) li huwa m'għandux ibati spejjeż ta' din il-kawża.

10. Il-konvenut Mario Borg wieġeb għall-appell tal-attriċi fit-23 ta' Jannar, 2025, filwaqt li l-attriċi Jacqueline Fenech wieġbet għall-appell tal-konvenut fis-27 ta' Jannar, 2025. Fit-tweġibiet rispettivi tagħhom il-partijiet taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn jemmnu li l-appell tal-parti l-oħra għandu jiġi miċħud. Minbarra dan, fit-tweġiba tal-appell tiegħu, il-konvenut saħaq ukoll li l-attriċi għandha tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż għal darbtejn minħabba li fil-fehma tiegħu l-appell tagħha huwa wieħed fieragħ u vessatorju.

11. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. Din il-Qorti sejra tibda billi tistħarreġ l-appell tal-attriċi Jacqueline Fenech. Fl-**aggravju waħdieni** tagħha l-attriċi tilmenta li l-Ewwel Qorti ħaddmet il-liġi b'manjiera ħażina meta din laqgħet uħud mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut u b'hekk ċaħditilha t-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet tagħha. Hija tfisser li l-Ewwel Qorti ma messhiex qieset dan il-każ daqslikieku l-attriċi kienet qiegħda titlob is-sehem riżervat mill-wirt tal-ġenituri tagħha għaliex il-kawża tagħha hija dwar il-qasma ta' dan il-wirt.

13. Tissokta tispjega li għalkemm hija kienet u baqgħet werrieta f'għajnejn il-liġi, u mhux sempliċement benefiċjarja tas-sehem riżervat, id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar is-sehem riżervat xorta waħda jeħtieġ li jitħaddmu għaliex dawn huma ta' ordni pubbliku. Hija tgħid li għalhekk, kull werriet skont il-liġi għandu jirċievi mill-wirt għall-inqas il-valur li jkun imiss lilu bħala sehem riżervat. Ittenni li kien sewwasew dan li wassalha biex titlob lill-Ewwel Qorti tistabbilixxi l-valur tas-sehem riżervat mill-wirt tal-ġenituri tagħha – mhux biex hija tirċievi dan is-sehem riżervat – iżda biex jiġi żgurat li fil-qasma tal-wirt tal-ġenituri tagħha hija ma tispiċċax

biex tirċievi inqas minn dak is-sehem li huwa stabbilit b'ordni pubbliku.

14. B'hekk, fil-fehma tagħha, l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ma qisitx il-valur tal-legati li tħallew lill-partijiet mill-ġenituri tagħhom, b'mod partikolari l-legat li tħalla lill-konvenut dwar in-negozju u avvjament ta' sprejer magħruf bħala "*Borg Brothers*" fi Triq Bordin, fl-Imsida, għaliex jista' jkun il-każ li l-kumpens li l-konvenut ikun obbligat iħallasha sakemm idum għaddej bin-negozju jkun ogħla minn dak stabbilit fit-testment. Iżżid tgħid li jekk it-tmien artikolu tat-testment tal-ġenituri tagħha jingħata effett sħiħ u b'hekk: (i) il-garaxx ma jkunx jista' jinbiegħ sakemm il-konvenut jispiċċa min-negozju tiegħu; u (ii) il-konvenut ikun obbligat iħallasha biss l-ekwivalenti għal Lm240 fis-sena sakemm idum b'dan in-negozju, hija tispiċċa biex tirċievi inqas minn dak li kien ikun imiss lilha bħala sehem riżervat, u dan minkejja li hija werrieta tal-ġenituri tagħha. Għalhekk, hija ssostni li din il-Qorti għandha tikkunsidra li jsir it-tnaqqis tal-legati sabiex il-partijiet jieħdu dak li jmisshom b'mod ugwali bejniethom mingħajr ma jiġu ppreġudikati.

15. Din il-Qorti tistqarr minnufih li numru ta' talbiet li tressqu mill-attriċi fir-rikors maħluf tagħha, u li hija terġa' tħaqqaqhom fir-rikors tal-appell tagħha, assolutament ma jistgħux joqogħdu flimkien. Tabilħaqq, hija ma tistax, fil-kappell tagħha ta' werrieta universali tal-ġenituri tagħha, titlob il-qasma tal-wirt tagħhom bejnha u bejn il-konvenut u fl-istess nifs titlob ukoll lill-Qorti: (i) tistabbilixxi dak li jmiss lill-partijiet mill-wirt tal-ġenituri

tagħhom bħala sehem riżervat; u (ii) tordna t-tnaqqis tal-legati li tħallew lill-partijiet f'każ li l-valur ta' dak li jmiss lill-partijiet mill-wirt tal-ġenituri tagħhom jirriżulta li jkun inqas mill-valur tas-sehem riżervat.

16. Kemm hu hekk, huwa magħruf fil-ġurisprudenza li min jitlob is-sehem riżervat ma jistax ikun werriet għaliex il-werriet huwa marbut li jagħmel dak li ried l-awtur tiegħu fit-testment tiegħu, ukoll jekk b'dak it-testment it-testatur ikun iddispona aktar mis-sehem li minnu seta' jiddisponi (ara ***Francesco Camilleri nomine v. Av Dr. Carmelo Zammit proprio et nomine*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju, 1939). Fi kliem ieħor, min jaċċetta l-wirt bla kundizzjoni u riżerva, la jista' jippretendi dak li kieku kien imiss lilu fis-sehem riżervat u lanqas jista' jitlob it-tħassir jew it-tnaqqis tad-dispożizzjonijiet testamentarji li jaqbżu s-sehem li t-testatur seta' jiddisponi minnu (ara ***Clyde Meli v. Maurice Pace et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Mejju, 2022). Dan jista' jagħmlu biss, jekk u wara li jkun irrinunzja għall-wirt (ara ***Gio Maria Debono v. Carmelo Licari et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru, 1954 u ***Angelo Zerafa et v. Michelina Azzopardi*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020).

17. Issa r-rinunzja għall-wirt tgħodd biss meta tkun espressa u trid issir fl-għamla maħsuba fil-liġi, jiġifieri jew b'dikjarazzjoni ppreżentata fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fil-gżira fejn il-mejjet kien

joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu jew b'dikjarazzjoni magħmula b'att ta' nutar pubbliku (ara l-**Artikolu 860 tal-Kodiċi Ċivili**). Fil-każ tagħna l-attriċi ma wrietx li hija rrinunzjat għall-wirt tal-ġenituri tagħha fil-forma li trid il-liġi. Anzi bil-maqlub, kif sabet l-Ewwel Qorti, jidher li l-attriċi aċċettat il-wirt tal-ġenituri tagħha għaliex diġà ħadet fil-pussess tagħha xi oġġetti u flejjes li jagħmlu parti mill-wirt. Kemm hu hekk, fl-appell tagħha l-attriċi mhijiex qiegħda tilmenta minn din il-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti. Dan ifisser li l-attriċi tassew aċċettat il-wirt tal-ġenituri tagħha u b'hekk titqies li rrinunzjat għas-sehem riżervat u għall-jeddijiet li dan iġorr miegħu, fosthom it-tnaqqis tal-ġid li t-testatur seta' jiddisponi minnu.

18. L-ilment tal-attriċi qiegħed għalhekk jitwarrab bħala wieħed mhux fejjiedi u billi din il-Qorti taqbel mal-konvenut li l-appell tal-attriċi huwa tassew wieħed fieragħ u vessatorju minħabba li huwa sajjem minn kull argument serju, hija sejra tordna lill-attriċi tħallas l-ispejjeż għal darbtejn skont l-**Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

19. Ngħaddu issa biex nistħarrġu l-appell tal-konvenut Mario Borg. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tiegħu l-konvenut jilmenta li l-Ewwel Qorti ma messhiex ordnat li l-post bin-numru 63, fi Triq Bordin, fl-Imsida għandu jibqa' jintuża minnu għan-negozju tiegħu skont ix-xewqa espressa mill-ġenituri tiegħu fit-testment tagħhom, filwaqt li ordnat ukoll li l-post bin-

numru 61, li jinsab biswitu, għandu jinbiegħ bl-irkant ġudizzjarju u li r-rikavat minn dan il-bejgħ jinqasam f'ishma indaqs bejn il-partijiet.

20. Huwa jisħaq li l-ordni biex jinbiegħ il-post bin-numru 61 bl-irkant ġudizzjarju ma tagħmilx sens minħabba: (i) li t-testment tal-ġenituri tal-partijiet ma jagħmilx distinzjoni bejn il-post bin-numru 61 u dak bin-numru 63 iżda jsemmi biss in-negozju bl-isem "*Borg Brothers*"; (ii) li n-negozju minn dejjem tmexxa minn dawn iż-żewġ garaxxijiet flimkien minkejja li l-liċenzja tan-negozju hija maħruġa biss fuq il-garaxx bin-numru 63; (iii) li kienet l-attriċi stess li fl-affidavit tagħha kkonfermat li ż-żewġ garaxxijiet kienu jintużaw minn missierha biex imexxi n-negozju tiegħu ta' sprejer; (iv) li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tmur kontra x-xewqa tat-testaturi li n-negozju jibqa' jitmexxa mill-konvenut sakemm jirtira; (v) li l-arja tal-garaxx bin-numru 61 hija aċċessibbli biss mill-garaxx bin-numru 63; (vi) li ż-żewġ garaxxijiet ma jistgħux jinqasmu għaliex minbarra li huma mniffdin ma' xulxin, il-garaxx bin-numru 63 għandu numru ta' twieqi li jagħtu għal fuq l-arja tal-post bin-numru 61; (vii) li l-qasma sejra tnaqqas b'mod konsiderevoli l-valur tal-proprjetajiet u toħloq preġudizzju serju għan-negozju tal-konvenut; u (viii) li l-partijiet sejrin ikollhom jidħlu fi spejjeż sabiex jagħlqu kull aċċess li hemm mill-garaxx bin-numru 63 għall-garaxx bin-numru 61.

21. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet il-konvenut isostni li huwa fl-aħjar interess taż-żewġ partijiet li l-garaxx bin-numru 61 jinbiegħ biss

flimkien mal-garaxx bin-numru 63 ġaladarba huwa jirtira min-negozju tiegħu minflok jitpoġġa għall-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju, hekk kif ordnat l-Ewwel Qorti.

22. Din il-Qorti tqis li fit-tmien artikolu tat-testment tad-9 ta' Awwissu, 1999, il-ġenituri tal-partijiet ħallew lill-konvenut b'titlu ta' prelegat in-negozju u l-avvjament ta' sprejer magħruf bħala "*Borg Brothers*" fi Triq Bordin, fl-Imsida. Dan ifisser li l-prelegat li tħalla lill-konvenut mill-ġenituri tiegħu kien dak tan-negozju u tal-avvjament ta' sprejer bl-isem hawn fuq imsemmi u mhux dak tal-garaxx li minnu kien jitmexxa dan in-negozju. Dan it-testaturi setgħu jagħmluh għaliex kif inhuwa miżmum fil-ġurisprudenza, l-assenjazzjoni ta' isem ta' ditta tista' ssir mingħajr ma jiġi assenjat il-post li minnu din topera (ara ***Harry Harmsworth v. Carmelo Marmara et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Ġunju, 2024).

23. Madankollu, it-testaturi rabtu dan il-prelegat b'żewġ kundizzjonijiet, jiġifieri: (i) li sakemm jibqa' jmexxi dan in-negozju l-konvenut iħallas is-somma ta' Lm240 fis-sena lil min jibqa' ħaj minnhom, u wara li jiġi nieqes l-aħħar wieħed minnhom, iħallas din is-somma lill-attriċi oħtu; u (ii) li l-garaxx jinbiegħ biss malli l-konvenut jispiċċa minn dak in-negozju, bir-rikavat mill-bejgħ jinqasam bejnu u bejn l-attriċi.

24. L-ilment tal-konvenut f'dan l-aggravju tiegħu jdur ma' din it-tieni kundizzjoni, li taqra hekk:

> *«It-testaturi jordnaw illi malli Mario jispiċċa minn dak in-negozju, il-garaxx għandu jinbiegħ u r-rikavat jinqasam bejn iż-żewġ eredi taħt imsemmija.»*

25. Huwa prinċipju li ilu stabbilit mid-Dritt Ruman sa minn żmien ilu li meta l-kliem li jitniżżel f'testment huwa ċar, dak il-kliem irid jingħata tifsira litterali u jitwettaq daqslikieku kien il-liġi li t-testatur ried jimponi (ara ***Andrew Buhagiar nomine v. Carmel Mifsud*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Mejju, 2015 u ***Philip Said et v. Andreana Galea pro et nomine*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Mejju, 2016). F'ċirkostanzi bħal dawn il-kliem ċar ma jistax jingħata tifsira aktar wiesa' jew inkella aktar dejqa.

26. L-istess prinċipji jgħoddu wkoll anke f'dawk il-każijiet fejn issir allegazzjoni li hemm diskrepanza bejn il-fehma vera tat-testatur u l-kliem minnu wżat fit-testment li jkun imfassal b'mod ċar u mhux ambigwu (ara ***Dr. Joseph Zammit Tabone proprio et nomine v. Professur John Joseph Cremona et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Ġunju, 2007). Il-ħsieb wara dan kollu huwa li meta l-kliem tat-testment ikun imniżżel b'mod ċar, ir-rieda tat-testatur hija dik li tirriżulta mill-att tat-testment stess u għaldaqstant f'sitwazzjonijiet bħal dawn mhuwiex mogħti li ssir riferenza għal xi provi lil hemm mit-testment innifsu (ara ***Angela Debattista et v. Joanne Debattista et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020). Għalhekk il-ġudikant irid ta' bilfors jillimita l-eżami tiegħu għall-kitba li jkun hemm fit-testment u ma għandux jieħu taħt

konsiderazzjoni fatturi barranin, anke jekk dawn ikunu jikkonsistu fix-xhieda tan-nutar li ppubblika l-att, billi dawn qatt ma jistgħu jmorru kontra dak li jidher mill-att innifsu (ara ***Carmelo Said et v. Nutar Giuseppe Cauchi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru, 1958).

27. Tabilħaqq huwa miżmum fil-ġurisprudenza li r-rieda tat-testatur hija dik li tirriżulta mill-att innifsu u mhuwiex leġittimu li tingħata interpretazzjoni ta' dak li xtaq it-testatur għaliex dik l-interpretazzjoni tista' tgħawweġ dak li fil-verità ried it-testatur u b'hekk tmur kontra dik ir-rieda proprja tiegħu hekk kif tirriżulta mill-qari tad-dispożizzjoni testamentarja. Għalhekk, jekk id-dispożizzjoni testamentarja hija ċara, din għandha tingħata effett (ara ***Maryrose Mifsud v. Av. Dr. Joseph Bartolo nomine*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Jannar, 2004, ***Rose Deguara et v. Anthony Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023, ***Michelle Vella et v. Philip Camilleri et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2023 u ***Constantino Muscat proprio et nomine et v. Nazzareno sive Reno Muscat et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Marzu, 2025).

28. Imħaddem dan kollu għal każ li għandha quddiemha, din il-Qorti tqis li l-kliem tat-testment huwa ċar: il-kundizzjoni marbuta mal-legat ta' negozju u avvjament li tħalla lill-konvenut titkellem dwar garaxx fis-singular u mhux dwar garaxxijiet fil-plural.

29. Jista' jkun li huwa minnu li fit-tmexxija tan-negozju ta' sprejer dejjem intużaw iż-żewġ garaxxijiet inkwistjoni flimkien, hekk kif jgħid il-konvenut u ġie kkonfermat ukoll mill-attriċi fl-affidavit tagħha. Madankollu, jidher ukoll li dawn il-garaxxijiet minn dejjem kienu magħrufa b'numri separati – illum il-ġurnata għandhom in-numri 61 u 63 filwaqt li fil-passat kienu magħrufa bin-numri 18B u 19 rispettivament – u għalhekk qatt ma tqiesu bħala garaxx wieħed. Dan huwa muri wkoll fid-dikjarazzjonijiet *causa mortis* li saru mill-partijiet, fejn il-garaxxijiet ġew deskritti b'mod separat u saħansitra saret ukoll stima tal-valur tagħhom b'mod separat mill-Perit Charles Buhagiar. Minbarra dan, hekk kif jammetti l-konvenut stess, il-liċenzja biex jitwettaq in-negozju ta' sprejer inħarġet biss fuq il-garaxx bin-numru 63 u l-garaxx bin-numru 61 ma jgawdix minn liċenzja ta' dan it-tip.

30. Hu x'inhu l-każ, fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-rieda tal-ġenituri tal-partijiet hija espressa bl-aktar mod ċar fid-dispożizzjoni testamentarja inkwistjoni u għalhekk hija ma tistax tagħmel interpretazzjoni tagħha permezz ta' fatturi esterni bħalma huma x-xhieda tal-partijiet u l-ambjenti li jsawru dawn il-garaxxijiet. Il-Qorti m'għandhiex dubju li t-testaturi kienu jużaw il-kelma "garaxxijiet" u mhux il-kelma "garaxx" li kieku huma tabilħaqq riedu jorbtu lill-partijiet milli jbiegħu ż-żewġ garaxxijiet qabel ma l-konvenut jispiċċa min-negozju tiegħu. F'dan il-każ, iżda, it-testaturi użaw il-kelma "garaxx" fis-singular u b'hekk minn qari litterali ta' din id-dispożizzjoni testamentarja, il-Qorti qiegħda tifhem li huwa biss il-garaxx

bin-numru 63, li fuqu hemm maħruġa liċenzja biex jitwettaq in-negozju ta' sprejer, li huwa marbut bil-kundizzjoni li imponew it-testaturi. Fuq kollox, meta tqum l-kwistjoni dwar l-estensjoni jew il-kwantità ta' legat, it-tifsira għandha tkun favur il-werriet u mhux favur il-legatarju (ara ***Antoinette Debono v. Mario Vella*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024 u ***Philip Gauci et v. Maġistrat Dottor Doreen Clarke et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2024). F'dan il-każ, il-legatarju huwa l-konvenut, u għalhekk it-tifsira li għandha tingħata f'din iċ-ċirkostanza hija li l-garaxx bin-numru 61 mhuwiex marbut mal-legat ta' negozju u avvjament li tħalla lill-konvenut mill-ġenituri tiegħu.

31. B'hekk, fil-fehma ta' din il-Qorti m'hemm xejn x'iżomm il-bejgħ tal-garaxx bin-numru 61 fi Triq Bordin, fl-Imsida permezz tal-irkant ġudizzjarju, hekk kif ġie ordnat mill-Ewwel Qorti. Wara kollox, għalkemm il-konvenut jgħid li ż-żewġ garaxxijiet jinfdu minn ma' xulxin, ma jingħad xejn dwar dan fir-rapporti tal-Perit Charles Buhagiar li tħejjew minnu qabel il-partijiet ressqu għad-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' missierhom Vincenzo Borg. Kemm hu hekk, il-konvenut ma ressaq ebda pjanta li turi ż-żewġ garaxxijiet magħqudin flimkien. Anzi, il-pjanti li tressqu fl-atti tal-kawża juru biss il-garaxxijiet bin-numru 61 u 63 bħala binjiet separati u individwali. Hekk ukoll, imbilli l-garaxx bin-numru 63 għandu numru ta' twieqi li jagħtu għal fuq l-arja tal-garaxx bin-numru 61, dan m'għandux ikun ta' xkiel għall-bejgħ tal-garaxx bin-numru 61. Tassew, il-pożizzjoni ta' dawn it-twieqi tista' biss twassal għat-tnissil ta' servitù skont l-**Artikoli**

**457(ċ)** u **468 tal-Kodiċi Ċivili**, jekk kemm-il darba jinbidlu s-sidien ta' dan il-garaxx.

32. Għalhekk, dan l-aggravju tal-konvenut qiegħed jiġi miċħud.

33. Dan iġibna għat-**tieni aggravju** tal-konvenut. F'dan l-aggravju l-konvenut jilmenta li l-Ewwel Qorti ma messhiex ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Huwa jsostni li m'għandux ibati spejjeż marbuta ma' din il-kawża għaliex huwa dejjem mexa skont ix-xewqat tal-ġenituri tiegħu u skont il-liġi u m'għamel xejn biex itellef lill-attriċi mis-sehem dovut lilha. Jgħid li wara kollox, dawn il-proċeduri ma ġewx ipprovokati minħabba xi nuqqas min-naħa tiegħu.

34. Minbarra dan, il-konvenut jisħaq li jekk huwa għandu jeħel xi spejjeż, dawn għandhom ikunu f'sehem li huwa ferm iżgħar minn dak tal-attriċi għaliex dawn il-proċeduri twalu għal xejn b'xejn minħabba li l-attriċi insistiet li jinħatar kontabbli bħala espert ġudizzjarju. Itenni jgħid li l-ħatra ta' dan l-espert ma kinitx meħtieġa biex l-Ewwel Qorti tasal għas-sentenza tagħha u għalhekk l-ispejjeż marbuta mar-rapport tiegħu għandha tbatihom l-attriċi.

35. Din il-Qorti tqis li t-tqassim tal-ispejjeż f'kawża hija kwistjoni li sa ċertu punt hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti u d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar l-ispejjeż m'għandhiex tiġi faċilment mibdula sakemm ma

jkunx jirriżulta li l-Ewwel Qorti tkun ħaddmet din id-diskrezzjoni b'mod manifestament żbaljat u kontra l-loġika (ara ***George Galea v. Maria Carmela sive Marica Baldwin*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Ottubru, 2022). Hekk ukoll, jinsab miżmum fil-ġurisprudenza li l-ġudizzju mogħti mill-Qorti dwar il-kap tal-ispejjeż għandu jkun riżultat ta' konsiderazzjoni matura dettata mill-kuxjenza u mhux xi eżerċizzju matematiku (ara ***John sive Juanito Pullicino v. Carm Lino Scerri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Frar, 2022 u ***L-Avukat Dottor Mark Attard Montalto et v. L-Avukat Dottor Michelle Tabone nomine*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023).

36. It-tilwima li nibtet bejn il-partijiet kienet waħda dwar qasma ta' wirt u għalkemm il-konvenut għalissa sejjer iżomm f'idejh il-garaxx bin-numru 63, fi Triq Bordin fl-Imsida, jibqa' l-fatt li fl-aħħar mill-aħħar l-Ewwel Qorti spiċċat biex qasmet il-wirt ta' Vincenzo u Rosaria Borg fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet. Meta wieħed iqis kollox, ma jistax jingħad li f'dan il-każ kien hemm rebbieħ jew tellief u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti tagħmel sens id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jintrefgħu mill-partijiet fis-sehem ta' nofs bin-nofs, għaliex dan jirrifletti s-sehem li kull wieħed għandu mill-wirt tal-ġenituri tagħhom.

37. Madankollu, din il-Qorti taqbel mal-konvenut sa fejn huwa jgħid li m'għandux jeħel l-ispejjeż marbuta mar-rapport li ħejja l-espert ġudizzjarju. Tabilħaqq, ladarba ġew miċħuda t-talbiet tal-attriċi biex il-

Qorti tistabbilixxi l-valur tas-sehem riżervat tal-partijiet mill-wirt tal-ġenituri tagħhom u biex il-Qorti tordna t-tnaqqis tal-legati li tħallew lill-partijiet mill-ġenituri tagħhom, dan ifisser li l-ħatra tal-kontabbli Paul Mifsud bħala perit ġudizzjarju sabiex dan jagħmel stima tan-negozju u tal-avvjament ta' sprejer magħruf bħala "*Borg Brothers*", saret għalxejn b'xejn. Għalhekk, ikun xieraq li l-ispejjeż marbuta max-xogħol li huwa wettaq tħallashom kollha l-attriċi.

38. Dan l-aggravju b'hekk sejjer jintlaqa' u din il-Qorti sejra tordna li l-ispejjeż li huma marbuta mas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti għandhom jitħallsu fis-sehem ta' nofs bin-nofs bejn il-partijiet, minbarra l-ispejjeż marbuta mal-ħatra u mar-rapport tal-perit ġudizzjarju Paul Mifsud, li għandhom jitħallsu kollha mill-attriċi.

**Deċiżjoni**

39. Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tal-attriċi Jacqueline Fenech iżda **<u>tilqa'</u>** f'parti minnu l-appell ta' Mario Borg billi tħassar biss il-kap tal-ispejjeż tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-28 ta' Novembru, 2024 u minflok tordna li l-ispejjeż marbuta mal-ewwel grad għandhom jitħallsu fis-sehem ta' nofs bin-nofs bejn il-partijiet, minbarra dawk marbuta mal-ħatra u mar-rapport tal-perit ġudizzjarju Paul Mifsud, li għandhom jitħallsu kollha mill-attriċi Jacqueline Fenech. Mill-bqija s-sentenza tal-Ewwel Qorti qiegħda titħalla kif inhi.

L-ispejjeż marbuta mal-appell imressaq mill-attriċi Jacqueline Fenech għandha tħallashom kollha kemm huma hi, b'dana li hija għandha tħallas l-ispejjeż ta' dan l-appell għal darbtejn minħabba li nstab li l-appell tagħha huwa tabilħaqq fieragħ u vessatorju; filwaqt li l-ispejjeż marbuta mal-appell li tressaq mill-konvenut Mario Borg għandhom jitħallsu fis-sehem ta' nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da